**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Marzu, 2019

Rikors Nru : 46/18 AL

AB

vs.

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tiegħu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet iżżewgu nhar l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elf disa` mija u sebgha u tmenin (1987).

Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mill-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010), u dana permezz ta' sentenza moghtija minn dina l-Qorti, kopja legali ta' liema sentenza qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok. AB1;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom separati sa mill-elfejn u ghaxra (2010), huma ormai ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin.

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut versu l-konvenuta, u lanqas ma hemm manteniment pagabbli ghat-trobbija tal-ulied.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Frar, 2018;

Rat li l-intimata debitament notifikata ma pprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri ;

Rat l-artikolu 66 b tal-Kap 16:

Rat l-atti kollha sussegwenti;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Gunju 2010 ;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.